QALA

Ref Nru: 27

Il-minuti tas-sebgha u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tlieta 16 ta’ Settembru 2014, fis-7:00 ta’ filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta’ talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tas-sitta u ghoxrin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tas-sitta u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 *Qala International Folk Festival* 2014.**

3.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm tal-*Qala International Folk Festival 2014*. Kopja ta’ dan il-programm gie anness ma dawn il-minuti.

QALA

**4 Ghazla tal-offerti ghal provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar u kiri tal-ingenji.**

4.1 Ghall-offerta ghall-provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi zewg offerti minghand Salvu Camilleri and Sons Limited u Gatt Tarmac Limited. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar l-Erbgha 9 ta' Lulju 2014 f'nofsinhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-offerti li kopja taghha giet annessa ma' dawn il-minuti. Is-Sindku semma li gie ppreparat rapport mill-Perit Edward Scerri fejn studja bir-reqqa dawn l-offerti. Kopja ta' dan ir-rapport gie anness ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja dan ir-rapport u wara dan qabel mal-istess rapport u ghalhekk unanimament iddecida li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Salvu Camilleri and Sons Limited.

4.2 Ghall-offerta ghall-provvista ta' ramel u zrar li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi tliet offerti minghand Rotciv Co. Limited, Gatt Enterprises Limited u Salvu Camilleri and Sons Limited. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar l-Erbgha 9 ta' Lulju 2014 f'nofsinhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-offerti li kopja taghha giet annessa ma' dawn il-minuti. Is-Sindku semma li gie ppreparat rapport mill-Perit Edward Scerri fejn studja bir-reqqa dawn l-offerti. Kopja ta' dan ir-rapport gie anness ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja dan ir-rapport u wara dan qabel mal-istess rapport u ghalhekk unanimament iddecida li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Rotciv Co. Limited.

4.3 Ghall-offerta ghall-kiri tal-ingenji li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi tliet offerti minghand Mark Camilleri, Joe Said u Peter Paul Said. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar l-Erbgha 9 ta' Lulju 2014 f'nofsinhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg u s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Is-Sindku semma li gie ppreparat rapport mill-Perit Edward Scerri fejn studja bir-reqqa dawn l-offerti. Kopja ta' dan ir-rapport gie anness ma dawn il-minuti. Il-Kunsill studja dan ir-rapport u ddiskuta li minkejja li l-Perit ta l-opinjoni tieghu, minhabba l-fatt li hemm *items* fil-*bill of quantities* li huma relatati ma xulxin, il-Kunsill iddecida li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Mark Camilleri ghall-*items* iz-zghar u Peter Paul Said ghall-*items* il-kbar.

**5 Il-*pipeline* tal-ilma minn Hondoq ir-Rummien sa ta' Sannat.**

5.1 Is-Sindku semma li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien hemm hafna allegazzjonijiet fil-konfront tieghu u li hu bidel ir-rotta ta' min fejn ser jghaddi l-*pipeline* tal-ilma fil-Qala, li ser isir minn Hondoq ir-Rummien sa ta' Sannat. Is-Sindku qara *email* dwar korrispondenza mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma li kopja taghha giet mibghuta lil kull Kunsillier permezz tal-*email* ghall-informazzjoni taghhom. Is-Sindku ghamel dikjarazzjoni li dak li gie allegat gie michud ghax l-*email* turi li hemm confirma li dan ma kienx il-kaz. Is-Sindku

qal li l-Vici Sindku ser jigi rrapportat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dawn l-allegazzjonijiet. Ma kien hemm ebda rispons minn ebda Kunsillier fuq din id-dikjarazzjoni.

**6 Is-*separation bins* li hemm fil-*bring in site* fi Triq ta' Gulju.**

6.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill qed ikollu diversi ilmenti dwar skart li qed jigi mormi ma gemb is-*separation bins* li hemm fil-*bring in site* fi Triq ta' Gulju. Huwa ssuggerixxa li dawn ghandhom jitnehhew kompletament jew jigi mpoggija ma gemb is-*separation bins* li hemm fi Triq ta' Kassja. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li dawn kienu saru f'dan il-post sabiex ikun hemm sett min dawn il-*bins* fin-naha ta' fuq tal-Qala u ghalhekk issuggerixxa li minflok li jitnehhew ghandha tigi installatha *camera.* Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**7 Materji ohra.**

7.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa jekk gewx mibghuta z-zewg ittri li l-Kunsill kien iddecida li ghandhom jintbghatu fl-ahhar laqgha tal-Kunsill li kienu, ittra b'Avukut tal-Kunsill lid-Dipartiment tal-Artijiet, lid-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp u lit-Transport Malta dwar il-bankina/rampa tal-latrina pubblika li hemm fi Triq it-28 ta'April 1688 u ittra lil Ministeru koncernat dwar il-proposta ta' *bridge* bejn Malta u Ghawdex. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li hija bghatet id-dokumenti kollha lill-Avukata tal-Kunsill u dak il-hin stess is-Sindku cempel lill-Avukata u hi qaltu li l-ittra ser tintbghat. Dwar l-ittra l-ohra l-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat lill-Ministeru ghal Ghawdex u lill-Transport Malta.

7.2 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li l-Kunsill ircieva kont bin-numru 2517 minghand Galea Curmi Engineering Consultants Limited u li skond id-deskrizzjoni taghha li hija:

7.3 *'Consultancy – PV system on Qala Civic Centre-preparation of technical specification, design drawings and bill of quantities, evalutation of submitted offer, supervision and certification of works'*

7.4 tidher li hija doppja tal-kontijiet bin-numri 1221 u 1656 li d-deskrizzjoni taghhom hija:

7.5 *PV system on Council premises – Preparation of tender document u PV system Council premises – Evaluation of submitted offers and preparation of technical evaluation report*

7.6 rispettivament, li kien ukoll ircieva l-Kunsill minghand Galea Curmi Engineering Consultants Limited, hlief ghal parti fejn hemm miktub *supervision and certification of works.* Hija nformat lill-Mario Galea ta' Galea Curmi Engineering Consultants Limited dwar dan u wara huwa bghat *email* li ser jamenda l-*wording* li hemm fil-kont bin-numrui 2517 u mhux l-ammont peress li l-ammont huwa ghal *supervision* u *final certification.* Il-Kunsill ircieva kont numru 2517 emendat bl-kliem '*Consultancy – PV System on Qala Civic Centre – supervision and certification of works*' bl-istess ammont ta' kif kien l-ewwel verzjoni tal-kont numru 2517. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li dan il-kont m'ghandux jithallas.

QALA

7.7 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-15 t' Awwissu 2014 sas-16 ta' Settembru 2014 minn referenza numru 136/14 sa referenza numru 168/14 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 51/14 sa referenza numru 53/14 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

**8 Korrispondenza.**

8.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

8.2 Ittri mibghuta minn Maurice Attard f'isem ir-residenti ta' Misrah Simar dwar il-gbir tal-iskart domestiku. Is-Sindku semma li dawn qed jissuggerixxu sabiex jitqeghed *skip* x'imkien fejn il-kumpless ta' fejn joqghodu. Il-Kunsill iddiskuta li fil-passat kellu l-*bins on wheels* u li bihom kien hemm diversi problemi u kellhom jitnehhew. Ghalhekk il-Kunsill ma qabilx mal-proposta sabiex jitqeghed *skip* peress li jekk isir dan zgur li illum jew ghada tinholoq mizbla f'dawn l-inhawi.

8.3 Zewg ittri mibghuta minn Mary Grace D'Amato ghall-*Head Paying Agency* fl-Agenzija ghall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fejn informat lill-Kunsill illi din l-agenzija approvat l-estenzjoni tal-kuntratti mizuri 313 u 323 sal-31 t'Awwissu 2014.

8.4 *Memo* 17/2014 mid-Direttur Carmel Abela tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar *streaming* tal-laqghat *online* u skema ta' ghajnuna finanzjarja ghas-servizz tal-*internet.* Il-Kunsill issottometta applikazzjoni.

8.5 Ittra mibghuta minn Joseph Grech *Musical Director* minn *The Gozo Youth Wind Band and Orchestra* dwar kuncert *Opera vs Pop Under the Stars*. Il-Kunsill gie mitlub jaghti ghajnuna finanzjarja ghal dan il-kuncert. Gie deciz li m'ghandiex tinghata ghajnuna.

8.6 Ittra mibghuta minn Vincent Cassar mill-MCCAA fejn anness ntbghatu rapporti taz-zewg *playgrounds* li jaqghu taht ir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali, ghas-sena 2014.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar l-Erbgha 15 ta' Ottubru 2014.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |